IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru55 (ħamsa u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

55.1. Item Nru 54.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

55.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fil-5.42pm

55.2 Item Nru 55.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

55.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvat unanimament.

55.3 Item Nru 55.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li hu inħatar Viċi President tar-Regjun Xlokk.

55.3.2 SSTP – Is-Sindku qal li kellna laqgħa tal-Monitoring Committee u għalhekk nitolbu l-minuti taghha sabiex ikollna kollox bl-iswed fuq l-abjad ta' dak kollu li qiegħed jiġri.

Ix-xogħol fuq il-landscaping jidher li ser jittardja u jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru. Bħala xogħol miexi sew u ġej sabiħ. F'din il-laqgħa wkoll il-Kunsill għamel il-punt li is-siġar

għandhom ikunu kbar mil-ewwel kif jitħawwlu u mhux żgħar. Dan ġie ikkonfermat minn l-Ing. Stefan Cachia kif ukoll mis-CEO il-ġdid Richard Bilocca.

55.3.3 Recreational centre – Is-Sindku qal li issa inħareġ it-tender tal-finishings tal-Multipurpose Hall li ser jinkludi lots differenti bħal madum, aperturi, fire exits u irħam. It-tender ser jagħlaq nhar it-8 ta' Jannar 2018.

Il-Kunsill qiegħed jippjana li wara li jitlesta x-xogħol ta' dan it-tender u jitlesta x-xogħol fuq il-kuntratt ta' Schembri Barbros għandna llestu dan il-Multipurpose hall sal-aħħar ta' Ġunju 2018.

55.3.4 Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill iltaqa' mal-Onor. Clifton Grima fl-uffiċċju tiegħu fejn tkellimna fuq ix-xogħol pendenti li kellna l-ftehim fuqu mal-Onor. Chris Agius is-Segretarju Parlamentari fuq l-isports preċedenti. Dan ix-xogħol huwa il-*jogging track*, *outdoor gym* kif ukoll proposta biex isir il-*basket ball court* quddiem il-*multipurpose hall*

55.3.5 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk issa għandna l-pjanti lesti mil-Perit Robert Ellul u il-kunsill qabel unanimament fuq din il-proposta u issa imiss li jagħmlilna il-BOQ biex inkunu nistgħu ngħadduha lil GAL Xlokk.

55.3.6 EU funds hitan tas-sejjiegh - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill s'issa għadu ma rċieva l-ebda risposta fuq dan il-proġett.

55.3.6 Skips tax-Xatt – Is-Sindku qal li wara li tneħħew dawn l-iskips issa ix-xatt jidher aktar nadif u li is-sistema qed tindera li joħorġu l-borża kull filgħodu qabel is-7.30am.

Il-Problema li inqalat issa hija li qed imorru jarmu l-boroż suwed mal-Bring in Site u qed ikollna miżbla madwarhom.

55.4. Item Nru. 55.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

55.4.1 Is-Sur Neil Attard staqsa jekk sarux is-sinjali s-sofor fi Triq Alof De Wignacourt. Is-Segretarju qallu li għadhom ma sarux minħabba li fil-preżent għandna nuqqas ta' ħaddiema minħabba leave.

55.4.2 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet dwar il-Belishia lights ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u s-Sindku qallha li applikajna ma' Transport Malta u s'issa għadna ma rċevejna xejn minkejja diversi reminders.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

55.4.3 Is-Sinjura Antonio Buttigieg staqsiet fuq jekk inxtrawx il-bins tal-ħmieġ tal-klieb. Is-Segretarju qallha li dawn qed isiru mil-ħaddiema tal-Kunsill u ser jiswew ħafna inqas. Din il-ġimgħa ser jitwaħħlu tnejn fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

55.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-*bus shelter* ta' fejn il-Knisja. Is-Sindku qal li qed nitkellmu mal-knisja biex naraw nistgħux inpoggu bus shelter aħna. Sadanittant il-Kunsill qabel li inkellmu lil Sandra ta' Smart City sabiex naraw kemm ġie jiswa l-*bus shelter* li waħħlu fil-parkeġġ tagħhom.

55.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk hux possibbli li ntellgħu *clean up the world*. Il-Kunsill qabel li din l-attivita tista ssir u nitolbu l-għajnuna tal-i*Scouts.*Għalhekk aktar –il quddiem naraw meta nistgħu nibdew nippjanaw.

55.4.6 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa jekk nistgħux nagħmlu mera fi Triq Dwardu Ellul minħabba li hemm periklu bit-trakkijiet li qed jinżlu. Kulħadd qabel li issir mil-aktar fis.

55.5. Item Nru 55.5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

55.5.1 Pagamenti b'numru 66 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

55.6. Item Nru. 55.6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

55.6.1 Is-Sa. Doris Borg ipproponiet li tittella' kompetizzjoni ta' presepji u tpinġijiet għat tfal f' dan iż-żmien tal-Milied. Kulħadd qabel u nibdew noħorġu l-avviżi.

55.6.2 Is-Sa. Borg qalet li minħabba li ser jifforma l-kumitat tat-toroq is-sena d-dieħla ikun tajjeb li bħala kunsill nipproponu bankina fi Triq l-ispnott. Is-Sindku qal li nistgħu nerġgħu nagħmlu din it-talba pero diġa kellna problemi mas-sidien tal-egħlieqi meta ġejna biex għamilna il-base tal-*Bring in Site.*

55.6.3 Il-Kunsill qabel li in-newsletter tinħareġ fil-bidu tas-sena d-dieħla.

55.7. Item Nru. 55.7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

55.7.1 Is-Sinjura Buttigieg qalet li l-ħarga kulturali li jmiss ser issir nhar id-29 ta' Novembru u ser inżuru l-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

55.7.2 Is-Sindku qal li għal Milied bħal ma jsir kull sena ser intellgħu ir-riċeviment ta' ringrazzjament fl-iskola Primarja. Din is-sena ser isir nhar it-28 ta' Diċembru. Bħal kull sena il-Kunsilliera ser ikollhom sitt inviti kull wieħed sabiex iqassmuhom lil min iridu.

IX-XGĦAJRA

55.8. Item Nru. 55.8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

55.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.11pm

Aġġornament għal-nhar il-Erbgħa 3 ta' Jannar, 2017 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |